30 ta' Ġunju, 1949

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Evangelista Perez

**"Midwife" — Qabla — Każi ta' Neċessità Urġenti — Interpretazzjoni — Art. 46 u 47 tal-Kap. 51.**

*Kwalunkwe qabla għandha d-dmir, meta tiġi msejħa f'każ urġenti, li tirrendi mingħajr dewmien volontarju l-għajnuna professjonali tagħha, u tapplika r-rimedji meħtieġa.*

*F'materja ta' ħlas, il-każ huwa urġenti mhux biss meta tinqala' fih xi komplikazzjoni; anzi l-każ jista' jiġi kunsidrat bħala wieħed ta' neċessità urġenti anki meta l-ħlas jidher li sejjer ikun normalissimu. L-espressjoni tal-liġi "każ ta' urġenti neċessità" għandha tittieħed bħala li tfisser "meta l-ħlas ikun qiegħed jibda".*

Dan hu appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fl-4 ta' Mejju 1949, li biha l-imsemmija Evangelista Perez ġiet misjuba ħatja talli fil-31 ta'

Marzu 1949, il-Hamrun, bħala levatriċi, meta ġiet imsejħa f'każ ta' urġenza, ċaħdet li tagħti l-għajnuna tagħha professjonali u tapplika r-rimedji meħtieġa, u ġiet kundannata għall-ammenda ta' tliet liri;

L-imputata rreklamat kontra din il-kundanna, u ġiet quddiem il-Qorti ta' l-Appell;

Trattat l-appell tagħha..........., din il-Qorti rriflettiet;

Dan il-każ huwa ta' ċerta importanza, għaliex jimplika studju tal-portata tad-dover importanti tal-"midwife";

Il-fatti tal-każ ma jidhrux li huma in kontestazzjoni. Fil-ġurnata msemmija fiċ-ċitazzjoni l-Kuntistabbli Scicluna, fuq ordni tas-superjuri tiegħu, u dawn fuq talba ta' ċerta Giovanna Pullicino, mar għand l-imputata, li hija majjistra, għal xi d-disgħa jew id-disgħa u nofs ta' filgħodu, fid-dar tagħha l-Hamrun, u qalilha biex tattendi għall-ħlas tat-tifla ta' Pullicino, il-Marsa. L-imputata, li kienet barra ħdejn il-bieb tħit, qaltlu li, peress li kellha l-bajjad qiegħed jaħdem id-dar tagħha, ma kienetx bi ħsiebha tattendi. Aktar tard, fl-għaxra u nofs ta' l-istess għodwa, mar, fuq istruzzjonijiet tas-superjuri, il-Kuntistabbli Taljana għand l-imputata, u reġa' qalilha biex tattendi l-ħlas ta' Pullicino, u rripetielha, għal darba tnejn, li l-każ kien urġenti. L-imputata tagħtu l-istess risposta, jiġifieri li ma setgħetx tattendi għaliex kellha x-xogħol tat-tibjid id-dar. Il-Kuntistabbli Taljana qalilha li l-każ kien urġenti, għax hekk kienet qaltlu Giovanna Pullicino, omm il-partorjent. Fil-fatt, kien veru li fid-dar ta' l-imputata kien qed isir ix-xogħol tat-tibjid. Iż-żewġ kuntistabblijiet jgħidu li l-imputata ma qaltilhomx bl-indirizzi ta' majjistri oħra, iżda l-imputata fix-xhieda tagħha qalet li tathom l-isem u l-indirizz ta' tliet majjistri oħra. Irriżulta mix-xhieda tat-tabib Maurice Ellul, li in segwitu attenda l-partorjenti Pullicino, li meta hu mar għal xi l-għaxra u nofs ta' filgħodu, il-partorjenti kienet fit-tieni stadju tal-ħlas, u li t-tarbija—it-tieni waħda tagħha—twieldet fil-ħdax u kwart ta' filgħodu. Il-ħlas kien normali kemm jista' jkun. Kien hemm anki, għal xi l-ħdax ta' filgħodu, midwife oħra li ġiet imsejħa sadattant;

L-imputazzjoni hi migjuba taħt l-art. 46 tal-Kap. 51, li jgħid hekk :— "It shall be the duty of every midwife, when called upon in cases of urgent necessity, to render, without

any voluntary delay, her professional aid and apply the necessary remedies";

Mela jidher ċar, minn din id-dispożizzjoni tal-liġi, illi hemm bżonn li jkun "a case of urgent necessity". Issa x'inhu "a case of urgent necessity" f'materja ta' ħlas, fl-intenzjoni tal-leġislatur?

*Hu ċar li wieħed mill-assunti tad-difiża*, li ċjoè huwa każ urġenti dak li fih tinqala' xi komplikazzjoni, ma hux korrett;

Infatti, l-art. 47, għall-każijiet ta' parti b'xi komplikazzjoni, juża lokuzzjoni diversa, u jgħid hekk :— "In all cases in which any abnormality accrues..........." Hu ċar illi, kieku l-leġislatur kien qiegħed jikkunsidra bħala każ urġenti dak il-ħlas biss li *fih tinqala'* xi komplikazzjoni, allura l-art. 46 ma kienx jgħid "in cases of urgent necessity", imma kien jgħid mill-ewwel "in all cases in which any abnormality accrues". Il-fatt li l-leġislatur ma użax fl-art. 46 din il-lokuzzjoni juri ċar illi l-ħlas jista' jkun urġenti anki apparti l-komplikazzjoni. Anzi l-fatt illi l-art. 47 jimponi lill-midwife id-dover preċiż, *malli tinqala'* komplikazzjoni (kif eżemplifikat fir-regolament nru. 16 tal-Govt. Notice 390 ta' l-1918), li ssejjaħ minnufih tabib, juri illi l-preżenza tagħha ssir meħtieġa "qabel ma tinqala' xi komplikazzjoni, biex hija, bħala mħarrġa fil-professjoni tagħha, tkun tista' tinduna tempestivament għall-finijiet ta' l-attendenza tat-tabib. Kieku l-attendenza tal-midwife kellha titqies bħala meħtieġa mil-liġi, taħt l-art. 46, biss fil-każ ta' xi komplikazzjoni, u kieku f'dan is-sens biss kellha tiġi nterpretata l-frażi "cases of urgent necessity", allura r-"ratio legis" kienet tispiċċa, għaliex, meta tinqala' l-komplikazzjoni, il-każ isir mhux wieħed ta' attendenza tal-midwife, imma wieħed ta' l-attendenza ta' ostetriku;

Għalhekk il-fatt li l-ħlas deher li sejjer ikun, u fil-fatt kien, normalissimu bħal f'dan il-każ, ma jneħħix li l-każ jista' jiġi kunsidrat bħala "każ ta' neċessità urġenti". Id-difiża ma tistax tiġi eżawdita meta tgħid li, la l-ħlas kien normali, allura ma kienx urġenti, u li allura ma hemmx lok għall-imputazzjoni taħt id-dispost ta' l-art. 46;

*Infatti, mill-punt* di vista mediku hu paċifiku illi, anki meta l-mara tkun ġiet assoġġettata għall-eżami pre-natali u l-"accoucher" ikun ta pronjosi tajba għall-ħlas futur, jistgħu,

b'dan kollu, jinqalgħu inaspettatament komplikazzjonijiet waqt il-ħlas li jeħtieġu attendenza teknika. Jista' jkun illi l-ħlas ikun qiegħed, anki fl-attwalità tiegħu, jipprogredixxi normalment u mbagħad, f'daqqa waħda, tinqala' xi ċirkustanza anormali. Għalhekk hija ġusta l-osservazzjoni illi, fil-verità, wieħed jista' jgħid li ħlas kien normali meta l-ħlas ikun kompjut. Sakemm ma jkunx kompjut, wieħed jista' jgħid biss li "aktarx" ikun normali, bla ma jista' jeskludi li tinqala' xi komplikazzjoni. Għalhekk ukoll, it-Tabib Maurice Ellul, għad li issa birraġun seta' jgħid li l-ħlas kien normali, però fl-għaxra u nofs ta' filgħodu, meta attenda l-omm, seta' biss jgħid li sa dak il-ħin il-ħlas kien normali. Il-partorjenti setgħet, anki fit-tielet stadju, ikollha emorraġija "post partum", biżżejjed severa biex tipperikolalha ħajjitha, jekk ma tkunx hemm disponibili persuna teknika, bħal ma hija l-midwife. Kien għalhekk li l-kompjant Professur Dr. *Giorgio Debono*, l-ostetriku tal-ġenerazzjoni l-oħra, kien soltu javverti l-majjistri li huma kienu s-sentinelli waqt il-ħlas, lesti biex jagħtu l-allarm malli jaraw li l-ħlas ma kienx qiegħed jipprogredixxi normalment. Ħlas normali, jew pronjostikat bħala normali, jista' jsir, kif jingħad fi frażi tradotta mill-liġi franċiża, "parto laborioso". Minn dan jiġi illi l-fatt li ma jkunx hemm komplikazzjonijiet, u li l-ħlas ikun normali, ma jeskludix li l-ħlas ikun "*a case of urgent necessity*";

Dik l-espressjoni "*urgent necessity*" għalhekk għandha tittieħed bħala li tfisser "meta l-ħlas ikun qed jibda" ("*commencement of labour*"). Kif inhu magħruf, fil-ħlas hemm tliet stadji—l-ewwel stadju, dak tad-dilatazzjoni tal-għonq ta' l-uteru biex jista' jgħaddi l-feto minnu; it-tieni stadju, dak taddixxeża u l-espulsjoni tal-feto ("bearing down pains"); u t-tielet stadju, dak ta' l-espulsjoni tal-plaċenta;

Malli l-ħlas jibda, allura l-każ hu ta' *neċessità urġenti*, għas-sempliċi raġuni li allura, anki bl-aħjar pronjosi, il-partorjenti tibda *tgħaddi l-perikolu* tal-possibilità ta' komplikazzjonijiet inaspettati, u l-liġi għalhekk *imponiet li l-midwife hija obligata tattendi* f'dak il-waqt, appuntu biex ikun hemm xi ħadd li jifhem u li hu mgħallem, ħalli jista' jirrapporta tempestivament u jsejjaħ tabib malli jinduna li aktarx sejjer jinqala' xi ħaġa;

Issa f'dan il-każ, meta l-imputata ġiet imsejħa mill-Kuntistabbli Taljana, il-partorjenti kienet fit-tieni stadju; u għalhekk il-ħlas kien beda u kien verament ta' neċessità urġenti;

L-assunt l-ieħor tad-difiża hu illi l-imputata kellha raġuni tajba biex ma tattendix, u li għalhekk, ankorkè l-każ kien urġenti, hija ma tistax tkun responsabili quddiem il-liġi;

Appena hemm bżonn wieħed jgħid li dan il-pretest ta' l-imputata hu assolutament insostenibili. Hija setgħet liberament ħadet il-prekawzjonijiet kollha biex tista' tattendi l-ħlas b'sikurezza. Ir-regolamenti dwar il-levatriċi, fuq imsemmija, juru ċar li kull midwife taf biżżejjed x'għandha tagħmel biex, anki jekk hija kienet f'post fejn kien hemm xogħol ta' tibjid, tista' tattendi l-ħlas bla ħsara. Anki jekk hija kienet tieħu xi ftit żmien biex tinħasel u tagħmel kull ma kien hemm bżonn, dan id-dewmien tagħha kien ikun ġustifikat; mentri l-liġi fl-art. 46, bil-kliem "without any voluntary delay" riedet tirreprimi mhux id-dewmien ġustifikat, imma d-dewmien kolpuż;

Kieku l-imputata (ara aġġunta fir-regolamenti fuq imsemmijin magħmula bil-Govt. Notice 177 ta' l-1922) kienet qiegħda tattendi, jew ġiet in kontatt ma' xi każ ta' deni puwerperali, jew ta' infjammazzjoni ta' l-uteru, jew ta' xi marda oħra trasmissibili, allura veru ma kienetx tista' tattendi qabel ma hija u l-istrumenti eċċ. tagħha jiġu diżinfettati għas-soddisfazzjon taċ-Chief Government Medical Officer; imma l-każ ta' l-imputata ma kienx dan, imma kien biss li riedet tagħmel il-kommodu tagħha, u nesiet egoistikament id-doveri li jimponilha, fl-interess tal-partorjenti u tat-tarbija, il-professjoni tagħha;

Is-sentenza appellata hi għalhekk sewwa;

L-appell hu konsegwentement miċħud u s-sentenza konfermata. Żmien għall-ħlas tal-piena sitt ijiem mil-lum.